MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 2867/1997/1

**Francesco Fenech Limited**

**v.**

**AX Holdings Limited, gia` Angelo Xuereb Limited; u Hardrocks Limited**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk;

“Peress illi s-soċjeta` AX Holdings Limited, gia` Angelo Xuereb Limited, kellha tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma

ta' tlett elef, sitt mija sitta u sebgħin Lira Maltin u erba' ċenteżmi (Lm3,676.04) bilanċ ta' somma akbar dovuta bħala prezz ta' xogħol u materjal lilha supplit.

"Peress illi sussegwentement sar *barter agreement* bejn il-kontendenti li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi kellha tixtri materjal mingħand is-soċjeta` Hardrocks Limited sa l-ammont ta' elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm1,800) u li l-ħlas tiegħu lis-soċjeta` Hardrocks Limited kellu jsir mis-soċjeta` Angelo Xuereb Limited bħala pagament akkont ta' l-ammont dovut lis-soċjeta` attriċi.

"Peress illi fil-fatt is-soċjeta` attriċi xtrat materjal mingħand is-soċjeta` Hardrocks Limited għall-ammont ta' elf, seba' mija u sittax-il elf Lira Maltija u erba' ċenteżmi (Lm1,716.04), liema ammont għandu jitħallas mis-soċjeta` AX Holdings Limited, gia` Angelo Xuereb Limited.

"Peress illi konsegwentement is-soċjeta` AX Holdings Limited, gia` Angelo Xuereb Limited baqghalha tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elf disa' mija tnejn u sittin Lira Maltija (Lm1,962.00).

"Peress illi għalkemm interpellata tħallas dan l-ammont is-soċjeta` AX Holdings Limited, gia` Angelo Xuereb Limited baqgħet inadempjenti.

"Jghidu għalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandiex;

"1. tiddikjara li jeżisti bejn il-kontendenti *barter agreement* li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi kellha tixtri materjal mingħand is-soċjeta` Hardrocks Limited sa l-ammont ta' Lm1,800.00 liema prezz kllu jitħallas lis-soċjeta` Hardrocks Limited mis-soċjeta' AX Holdings Limited, gia` Angelo Xuereb Limited;

"2. tiddikjara illi, sal-lum is-soċjeta` attriċi xtrat materjal mingħand is-soċjeta` Hardrocks Limited b'valur ta' Lm1,716.04 liema ammont bħala konsegwenza tal-*barter agreement* kellu jitħallas mis-soċjeta` AX Holdings Limited, gia` Angelo Xuereb Limited;

“3. tiddikjara illi konsegwentement is-soċjeta` AX Holdings Limited, gia` Angelo Xuereb Limited hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta’ Lm1,962.00 bilanċ ta’ somma akbar dovuta bħala prezz ta’ materjal u xogħol lilha supplit;

“4. tikkundanna lis-soċjeta` AX Holdings Limited, gia` Angelo Xuereb Limited tħallas dan l-ammont.

“Bl-ispejjeż inkluż dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 21 ta’ Lulju, 1997 u bl-imgħax legali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuti jew min minnhom.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet taz-zewg konvenuti (fol. 7) li in forza taghha eccepew illi;

“1. Illi preliminarjament għandha ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawża fis-sens illi s-soċjeta` konvenuta jisimha AX Holdings Limited, gia` Angelo Xuereb Limited;
“2. Illi fil-mertu s-soċjeta` AX Holdings Limited tiċħad illi għandha tagħti lis-soċjeta` attriċi u dan kif ser jirriżulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża għaliex hemm nuqqas ta’ qbil bejn is-soċjetajiet kontendenti fuq il-fatturi maħruġa mis-soċjeta` attriċi lil AX Holdings Limited;

“3. Illi fil-fatt is-soċjetajiet esponenti jikkontestaw li sar xi *barter agreement*, tant illi s-soċjeta` konvenuta Hardrocks Limited qed taġixxi kontra Francesco Fenech Limited għall-pagament quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, Avviż Nru 1467A/98P1 MM appuntat għas-smigħ għall-15 ta’ Ottubru, 1998;

“Salvi eċċezzjonijiet oħra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Novembru 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi;

“…tilqa’ t-tielet eċċezjoni tas-soċjetajiet konvenuti iżda tiċħad it-tieni waħda u għalhekk filwaqt li tiċħad l-ewwel talba, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba

minħabba f'hekk, tilqa' pero` t-tielet u r-raba' talba, bl-imgħax jibda għaddej mit-18 ta' Dicembru, 1998 meta ġiet preżentata l-kawża. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi s-soċjeta` attriċi qed tibbaża t-talba tagħha fuq *barter agreement* li qed tgħid li kellha mas-soċjetajiet konvenuti fis-sens hija xtrat materjal mingħand is-soċjeta` Hardrocks Limited iżda kellha tieħu mingħand is-soċjeta` l-oħra u allura billi skond dan il-ftehim is-soċjeta` AX Holdings aċċettat li tħallas hi qed tħarrek liż-żewġ soċjetajiet iżda qed tagħmel it-talba tagħha fil-konfront ta' l-istess AX Holdings Limited għar-rigward ta' bilanċ ta' elf, disa' mija u tnejn u sittin Lira Maltin (Lm1,962) ossija s-somma li kellha tħallas għal oġġetti u xogħol li taw lill-istess AX Holdings li minnha tnaqqas dak l-ammont li skond is-soċjeta` attriċi kellha tagħti lil Hardrocks.

"Il-konvenuti qed jiċħdu illi kien hemm xi *barter agreement*, anzi s-soċjeta` Hardrocks ħarrket separatament lis-soċjeta` attriċi għal-bilanċ imsemmi.

"Il-Qorti fil-fatt jirriżultalha li l-kuntratt ta' tpartit (*barter*) qatt ma ġie ffirmat mill-konvenuti u allura fil-fatt qatt ma ġie konkluż; anke d-dokument esebit mill-atturi (fol. 35) hu nieqes mill-firem tad-diretturi tas-soċjetajiet konvenuti u dan jirriżulta wkoll mill-provi li ressqu l-istess atturi – ara l-affidavits ta' Anthony Fenech u Marie Louise Caruana.

"Dan naturalment ma jfissirx li l-konvenuti ma għandhomx jagħtu lis-soċjeta` attriċi għaliex *semmai* jekk il-*barter agreement* ma jeżistix jista' jfisser li l-kreditu hu ikbar għalkemm naturalment il-Qorti ma tistax takkorda lill-atturi iktar mill-ammont li talbu.

"Il-pern prinċipali tax-xhieda ta' Angelo Xuereb u cioe` iċ-*Chairman* tas-soċjeta` AX Holdings Limited huwa li s-soċjeta` attriċi kienet il-kawża ta' danni li sofriet is-soċjeta` tiegħu minħabba dewmien. Dan pero` mhux

ġustifikażżjoni biex ma jħallasx ladarba ma hemm ebda kontro-talba f'dan is-sens.

"Paul Xuereb għan-nom tas-soċjeta` Hardrocks ikkonferma li huma fetħu kawża lis-soċjeta` attriċi għal-bilanċ li kellhom jieħdu (fol. 97).

"Kif gia` ingħad l-unika raġuni għaliex is-soċjeta` AX Holdings Limited ressqet biex ma tħallasx il-bilanċ kienet li s-soċjeta` attriċi damet biex lestiet ix-xogħol u allura sofriet danni. Fil-fehma tal-Qorti ma ġabitx provi biżżejjed matul it-trattazzjoni tal-kawża li l-kreditu ta' l-atturi mhux fondat fil-fatt kif eċċepiet fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha u għalhekk it-talba attriċi fir-rigward tal-bilanċ għandha tiġi milqugħa;"

Rat ir-rikors tal-appell taz-zewg socjetajiet konvenuti,ipprezentat fit-12 ta' Dicembru 2006, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu lil din il-Qorti:

"……joghgobha tirriforma s-sentenza Appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet illi ma kienx jezisti u konkluz *barter agreement* u tirrevoka dawk il-partijiet tas-sentenza Appellata fejn laqghet it-talbiet attrici fil-konfront ta' AX Holdings Limited gia` Angelo Xuereb Limited billi previa li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti tichad it-talbiet attrici kollha u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li s-socjeta` attrici fornit diversi servizzi lis-socjeta` konvenuta AX Holdings, ghal liema servizzi baqghet ma thallsitx is-somma kollha dovuta. Is-socjeta` attrici allegat li ghall-bilanc li kien fadlilha tithallas kien sar *barter agreement*, fis-sens li hi tixtri materjal minghand is-

socjeta` konvenuta Hardrocks Ltd, u ghal dan il-materjal thallas is-socjeta` l-ohra AX Holdings Ltd, u tnaqqas is-somma li thallas mill-bilanc li l-ahhar imsemmija socjeta` fadallha thallas lis-socjeta` attrici. Is-socjetajiet konvenuti cahdu li sar xi ftehim f'dan is-sens, u l-ewwel Qorti accettat l-argumenti taghhom u qalet li ma kienx sar ftehim kif allegat mis-socjeta` attrici. Kontra din id-decizjoni ma gie intavolat ebda appell jew appell incidentali mis-socjeta` attrici, u din il-parti tad-decizjoni, ghalhekk, issa ghaddiet in gudikat.

Wara li skartat din l-ewwel talba tas-socjeta` attrici, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tikkunsidra t-talbiet l-ohra attrici, li huma intizi ghall-hlas ta' Lm1,962 bilanc ta' somma akbar bhala prezz ta' materjal u xoghol supplit lis-socjeta` AX Holdings Ltd. Ghal din it-talba din is-socjeta` eccepiet biss li l-hlas ma sarx ghax kien hemm nuqqas ta' qbil fuq il-fatturi mahruga. Fil-kors tal-kawza, din is-socjeta` konvenuta bdiet targumenta li kien hemm konsenji tardivi u minhabba f'hekk sofriet danni; ma ressqet, pero`, ebda kontro-talba biex titlob li l-Qorti tillikwida u tordna l-hlas ta' dawn l-allegati danni.
L-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici ghal hlas ta' dan il-bilanc, wara li kkunsidrat li ma giex muri li l-pretensjoni tas-socjeta` attrici mhux fondata.

Iz-zewg socjetajiet konvenuti appellaw mis-sentenza u principalment ilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni minnhom sollevata li da parti tas-socjeta` attrici kien hemm inadempjenza li tinkludi l-puntwalita` tal-konsenji.

Fil-verita`, din il-kwistjoni ma gietx eccepita mis-socjeta` konvenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha, u kif inhu risaput il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' materja li ma tkunx giet formalment sollevata kif trid il-ligi. Kif ghada kemm qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Melita Cable Plc. v. Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**, deciza fit-13 ta' Frar 2009,

“Tibda biex qabel xejn tigi premessa din is-silta rakkolta mis-sentenza tal-Qorti ta’ Appell, sede civili, tat-12 ta’ Lulju, 1965 fl-ismijiet “**Joseph Gatt v. Joseph Galea**”:-

“F’okkazjonijiet ohra din il-Qorti ssenjalat il-principju maghruf illi l-Imhallef Civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenzi f’kawzi joqghod rigorozament f’limiti tal-kontestazzjoni b’mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, min-naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, *a meno che non si tratta* minn kwistjonijiet ta’ ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva *ex officio.*”

Dan premess, din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti, u rat li ma jirrizultax li da parti tas-socjeta` attrici kien hemm xi dewmien fl-esekuzzjoni tal-ordnijiet li sarulha. Skond ftehim milhuq bejn il-partijiet fit-12 ta’ Mejju 1994, is-socjeta` attrici kellha tforni u tqieghed madum tal-art *“within five weeks from date of arrival of material to our factory”.* Jirrizulta li ghal ragunijiet mhux imputtabli lis-socjeta` attrici, il-materjal gie kkonsenjat fil-fabbrika tas-socjeta` attrici fl-20 ta’ Gunju 1994. Ix-xoghol beda ftit wara, u tlesta fl-24 ta’ Lulju 1994, u l-kont relattiv hareg fit-30 ta’ Lulju 1994. Kwindi ma jirrizulta ebda dewmien fl-esekuzzjoni ta’ din l-ordni.

Apparti din l-ordni partikolari, tul il-mixja ta’ dan il-kuntratt, is-socjeta` attrici ntalbet twettaq xoghol iehor, li ma kienx marbut mal-kuntratt tat-12 ta’ Mejju 1994, tant li f’xi whud gew mifthema rati differenti u x-xoghol kien differenti. Ghal dan ix-xoghol *extra*, li parti minnu gie ordnat wara li x-xoghol miftiehem fil-ftehim originali kien lest, ma kienx gie miftiehem zmien partikolari u ma rrizultax li ma giex imwettaq fi zmien ragjonevoli. Fil-fatt jirrizulta li ghall-ordnijiet li saru f’Awwissu u Settembru tal-1994, il-kontijiet relattivi inhargu fit-30 ta’ Ottubru, li hu zmien ragjonevoli meta tqis li s-socjeta` attrici ma tibghatx il-kont qabel ma taghmel konsenja izda dejjem fl-ahhar tax-xahar partikolari.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni dwar il-fatturi, ma jirrizulta xejn mill-provi li b'xi mod iwaqqa' t-tezi attrici. Dawn il-fatturi jidhru *in order* u ma tressqet ebda kontestazzjoni fir-rigward. Fil-fatt, ix-xhieda kwazi kollha f'din il-kawza hija ndirizzata lejn l-allegat dewmien fil-konsenja tal-materjal ordnat, u ma giex muri f'hiex jikkonsisti dan l-allegat "nuqqas ta' qbil" fuq il-fatturi. Bhal l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib xejn fil-provi li jindika li l-kreditu tas-socjeta` attrici mhux fondat. Ix-xoghol, gie ppruvat, tlesta fiz-zmien, gie certifikat li sar minn Quantity Surveyor, u s-socjeta` attrici thallset il-maggior parti tas-somma dovuta, u ma hemm ebda raguni ghala l-bilanc m'ghandux ukoll jithallas.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti in solidum; u peress li tqis li dan l-appell kien wiehed frivolu u vessatorju, specjalment fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati, tikkundanna lil konvenuti ghall-hlas darbtejn tal-ispejjez ta' din it-tieni istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------